**BIDLA FIL-ĦIN TAL-POLZA TA' PARTEĊIPAZZJONI GĦAD-DĦUL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA**

Nhar is-Sibt filgħodu, 21 ta' Marzu 2015 se ssir il-Quddiesa tal-Ingress Solenni ta' Monsinjur Charles J. Scicluna fil-Katidral tal-Imdina. Dakinhar filgħodu kien ippjanat li ssir il-Polza ta' Parteċipazzjoni ta' dawk li applikaw għad-dħul fl-ewwel sena primarja tal-Iskejjel tal-Knisja. Sabiex il-Polza ma tkunx fl-istess ħin tal-Quddiesa Solenni qed jinbidel l-ħin tal-Polza minn dak avżat.

Il-Polza ta' Parteċipazzjoni xorta se ssir nhar is-Sibt, 21 ta' Marzu fis-Seminarju tal-Arċisqof, Tal-Virtù, ir-Rabat. Il-Polza tas-subien tibda fis-sagħtejn ta' wara nofsinhar (2:00pm) u wara li tispiċċa, għal xi l-erbgħa ta' wara nofsinhar (4:00pm) tibda dik tal-bniet. Sat-Tnejn wara nofsinhar ir-riżultat tal-Polza għandu jkun fuq il-websajt: http://thechurchinmalta.org/mt/posts/45808/church-schools-2015-2016.